

Brussell, 6 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8459/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0073 (NLE)**

UD 117
CID 5
TRANS 271

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Amministrattiv tal-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti li Jaqgħu Taħt il-Carnets TIR (Konvenzjoni TIR) fir-rigward ta' emendi proposti għall-Konvenzjoni TIR

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat Amministrattiv tal-Konvenzjoni Doganali dwar
it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti li Jaqgħu Taħt il-Carnets TIR (Konvenzjoni TIR)
fir-rigward ta' emendi proposti għall-Konvenzjoni TIR**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR (il-"Konvenzjoni TIR") ġiet approvata f'isem l-Unjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2112/78¹ u daħlet fis-seħħ fl-Unjoni fl-20 ta' Ġunju 1983².
- (2) F'konformità mal-Konvenzjoni TIR, il-Kumitat Amministrattiv jista' jadotta emendi għall-Konvenzjoni TIR, inklużi l-Annessi tagħha, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti u li jivvotaw.
- (3) Matul is-sessjoni straordinarja tiegħu ta' Ġunju 2019, il-Kumitat Amministrattiv għandu jadotta diversi emendi għall-Konvenzjoni TIR u għall-Annessi tagħha.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-sessjoni straordinarja tal-Kumitat Amministrattiv, peress li l-emendi għall-Konvenzjoni TIR u għall-Annessi tagħha ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni.

¹ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2112/78 tal-25 ta' Lulju 1978 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Doganali fuq it-trasport internazzjonali ta' oġġetti taħt il-carnets TIR (Konvenzjoni TIR) tal-14 ta' Novembru 1975 f'Ġinevra (ĠU L 252, 14.9.1978, p. 1).

² ĠU L 31, 2.2.1983, p. 13.

- (5) Sabiex jiġu riflessi l-arranġamenti amministrattivi differenti li jeżistu fid-diversi Partijiet Kontraenti, huwa meħtieġ li: jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni TIR u tan-Nota ta' Spjegazzjoni korrispondenti fir-rigward tal-awtoritajiet li jistgħu jawtorizzaw assoċjazzjonijiet biex joħorġu l-carnets TIR; u li jiġi emendat l-Anness 9 għall-Konvenzjoni TIR sabiex awtoritajiet oħrajn apparti l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jawtorizzaw assoċjazzjoni biex taġixxi bħala garanti għall-persuni li jużaw il-proċedura TIR.
- (6) Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni TIR permezz tal-katina loġistika u sabiex tittejjeb il-kompetittività tat-trasport internazzjonali kkonċernat mill-Konvenzjoni TIR, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 18 sabiex jiżdied l-għadd ta' uffiċċji doganali ta' tluq u tad-destinazzjoni li jistgħu jkunu involuti f'operazzjoni TIR. Fl-istess waqt, tiġi pprovduta l-possibbiltà biex l-awtoritajiet doganali jillimitaw l-għadd ta' tali uffiċċji doganali fit-territorju ta' Parti Kontraenti, dment li l-Partijiet Kontraenti jinformat lill-pubbliku u lill-Bord Eżekuttiv tat-TIR dwar din il-limitazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Amministrattiv għall-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR (Konvenzjoni TIR) matul is-70 sessjoni tagħha jew matul waħda mis-sessjonijiet sussegwenti għandha tkun ibbażata fuq l-emendi proposti għall-Konvenzjoni TIR u għall-Annessi tagħha kif imniżżel fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Jista' jkun hemm qbil dwar tibdil editorjali għall-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

EMENDI GĦALL-KONVENZJONI DOGANALI DWAR IT-TRASPORT INTERNAZZJONALI TA' OĠĠETTI LI JAQGĦU TAĦT IL-CARNETS TIR (IL-KONVENZJONI TIR)

I Emendi għall-parti prinċipali tal-Konvenzjoni TIR, soġġetti għall-proċedura ta' emendar tal-Artikolu 59:

L-Artikolu 6, il-paragrafu 1

Kull Parti Kontraenti tista' tawtorizza *tiġi sostitwita b* L-awtoritajiet doganali jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' Parti Kontraenti jistgħu jawtorizzaw

L-Artikolu 18, il-linja 3

Erbgħa tiġi sostitwita bi tmienja

Jiżdied paragrafu ġdid *li jaqra* L-awtoritajiet doganali jistgħu jillimitaw l-għadd massimu ta' uffiċċji doganali ta' tluq (jew ta' destinazzjoni) fit-territorju tagħhom għal inqas minn sebgħa iżda mhux inqas minn tlieta.

II Emendi għall-Annessi tal-Konvenzjoni TIR, soġġetti għall-proċedura ta' emendar tal-Artikolu 60:

L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni tal-Artikolu 6, il-paragrafu 2

Pajjiż jistgħu japprovaw *tiġi sostitwita b'*Parti Kontraenti jistgħu jawtorizzaw

L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni l-ġdida tal-Artikolu 18

0.18.3 Il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar dawn il-limitazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku u jinfurmaw lill-Bord Eżekuttiv TIR, inkluż permezz tal-użu xieraq tal-applikazzjonijiet elettroniċi żviluppati għal dan il-għan mis-Segretarju TIR taħt is-superviżjoni tal-Bord Eżekuttiv TIR.

L-Anness 9, il-Parti I, il-paragrafu 1

mill-Partijiet Kontraenti *tiġi sostitwita b'*mill-awtoritajiet doganali jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' Parti Kontraenti